

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14471/23

FIN 1073

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                           |
|-------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea                                                                                      |
| data meta waslet: | 20 ta' Ottubru 2023                                                                                                                       |
| lil:              | Is-Sa Esperanza SAMBLAS, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                         |
| Suġġett:          | Proposta għal trasferiment tal-approprijazzjonijiet Nru DEC 18/2023 fi<br>ħdan Sezzjoni III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023 |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument DEC 18/2023.

Mehmuż: DEC 18/2023



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 20/10/2023

BAĠIT ĠENERALI - 2023

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 02, 03

### TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru DEC 18/2023

---

#### MINN

**KAPITOLU** - 0305 Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)

|                                                               |         |                |
|---------------------------------------------------------------|---------|----------------|
| Artikolu — 03 05 01 Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana) | Impenji | -11 500 000,00 |
|---------------------------------------------------------------|---------|----------------|

**KAPITOLU** - 0310 Aġenziji deċentralizzati

|                                                                                                     |         |               |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|---------------|
| PARTITA - 03 10 01 01 Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi --Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi | Impenji | -1 900 000,00 |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|---------------|

**KAPITOLU** - 0320 Proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji, prerogattivi u azzjonijiet oħra

|                                                                                                                      |         |             |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|-------------|
| PARTITA - 03 20 03 01 Proċeduri għall-għoti u r-reklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi | Impenji | -500 000,00 |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|-------------|

#### LEJN

**KAPITOLU** - 0204 Programm Ewropa Diġitali

|                                                                   |         |               |
|-------------------------------------------------------------------|---------|---------------|
| PARTITA — 02 04 06 11 Semikondutturi — Impriża Konġunta taċ-Ċipep | Impenji | 13 900 000,00 |
|-------------------------------------------------------------------|---------|---------------|

## **I. TNAQQIS**

### **I.1**

#### **a) Intestatura**

**03 05 01 – Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)**

#### **b) Ċifri fl-11/10/2023**

|                                                                                                                                                             | <b>Impenji</b>       |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------|
| 1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)                                                                                                      | 132 753 000,00       |
| 2 Trasferimenti                                                                                                                                             | 0,00                 |
| 3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)                                                                                                            | 132 753 000,00       |
| 4 Approprijazzjonijiet diġà użati                                                                                                                           | 71 426 613,60        |
| <b>5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>                                                                                                             | <b>61 326 386,40</b> |
| <b>6 Tnaqqis propost</b>                                                                                                                                    | <b>11 500 000,00</b> |
| <b>7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (56)</b>                                                                                               | <b>49 826 386,40</b> |
| 8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)                                                                                         | 8,66 %               |
| 9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli     |

#### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

|                                                      | <b>Impenji</b> |
|------------------------------------------------------|----------------|
| 1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 4 295 336,44   |
| 2 Approprijazzjonijiet disponibbli fl-11/10/2023     | 0,00           |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]                | 100,00 %       |

#### **d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis**

L-Unjoni Ewropea qed timplimenta programm doganali ġdid għas-sigurtà u s-sikurezza ta' qabel il-wasla, li huwa sostnut minn sistema ta' informazzjoni antiċipata fuq skala kbira dwar il-merkanzija — Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2). Madankollu, minħabba dewmien ta' aktar minn sena fit-tweqqif tal-proġett ICS2 u fl-istennija tal-eżitu tal-istudju ta' fattibbiltà fl-Istati Membri li kien jippermetti l-fażi ta' implimentazzjoni, il-proġett kollu tal-ICS2 Release 4 ġie ġie pospost. In-nuqqas ta' konsum korrispondenti jammonta għal EUR 16,6 miljun.

Fl-istess ħin, it-tnedija ta' ftehim ta' għotja għat-Tim ta' Esperti futur tal-ICS2 SSA ġiet posposta għall-2024, li jwassal għar-rilaxx ta' EUR 2,5 miljun oħra ta' approprijazzjonijiet ta' impenn.

Fl-istess waqt, ġew identifikati riallokazzjoni mill-programm lejn it-tnejn ta' taċ-ċentru tad-*data* doganali (EUR 5 miljun), il-konsulenza tal-kodiċi doganali tal-Unjoni (EUR 1,6 miljun) u studju ġdid dwar ir-regoli tal-orijini (EUR 1 miljun) li tlaħħaq EUR 7,6 miljun. Għalhekk, ammont totali ta' EUR 11,5 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn jista' jsir disponibbli għall-Impriża Konġunta Semikondutturi — Ċipep.

## **I.2**

### **a) Intestatura**

**03 10 01 01 - Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi -- Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi**

### **b) Ċifri fl-11/10/2023**

|                                                                                                                                                             | <b>Impenji</b>      |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------|
| 1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)                                                                                                      | 68 362 343,00       |
| 2 Trasferimenti                                                                                                                                             | -1 000 000,00       |
| 3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)                                                                                                            | 67 362 343,00       |
| 4 Approprijazzjonijiet diġà użati                                                                                                                           | 65 462 343,00       |
| <b>5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>                                                                                                             | <b>1 900 000,00</b> |
| <b>6 Tnaqqis propost</b>                                                                                                                                    | <b>1 900 000,00</b> |
| <b>7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (56)</b>                                                                                               | <b>0,00</b>         |
| 8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)                                                                                         | 2,78 %              |
| 9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli    |

### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

|                                                      | <b>Impenji</b> |
|------------------------------------------------------|----------------|
| 1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 2 348 679,96   |
| 2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-11/10/2023    | 0,00           |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]                | 100,00 %       |

### **d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis**

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (European Chemicals Agency, ECHA) — Il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi għamlet dħul ogħla mill-ġbir ta' tariffi minn dak ibbaġitjat. Għalhekk, ammont ta' EUR 1,9 miljun ta' approprijazzjonijiet ta' impenn tas-sussidju tal-ibbilanċjar tal-UE jista' jsir disponibbli għall-Impriża Konġunta Semikondutturi — Ċipep.

### **I.3**

#### **a) Intestatura**

**03 20 03 01 - Proċeduri għall-aġġudikazzjoni u r-rikamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi**

#### **b) Ċifri fl-11/10/2023**

|                                                                                                                                                             | <b>Impenji</b>      |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------|
| 1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)                                                                                                      | 9 700 000,00        |
| 2 Trasferimenti                                                                                                                                             | 0,00                |
| 3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)                                                                                                            | 9 700 000,00        |
| 4 Approprijazzjonijiet diġà użati                                                                                                                           | 5 788 195,48        |
| <b>5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>                                                                                                             | <b>3 911 804,52</b> |
| <b>6 Tnaqqis propost</b>                                                                                                                                    | <b>500 000,00</b>   |
| <b>7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (56)</b>                                                                                               | <b>3 411 804,52</b> |
| 8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)                                                                                         | 5,15 %              |
| 9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli    |

#### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

|                                                      | <b>Impenji</b> |
|------------------------------------------------------|----------------|
| 1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 33 881,66      |
| 2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-11/10/2023    | 0,00           |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]                | 100,00 %       |

#### **d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis**

Ġie identifikat surplus globali ta' EUR 0,5 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn, minħabba li l-kostijiet tal-IT għat-titjib tal-applikazzjonijiet tal-Formoli elettroniċi huma aktar baxxi milli kien stmat inizjalment fl-Abbozz tal-Baġit tal-2023. Il-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri jeħtieġu aktar żmien milli mistenni biex jagħmlu t-tranżizzjoni lejn il-Formoli elettroniċi, u għalhekk aktar titjib fis-sistema huwa pospost għall-2024. B'konsegwenza ta' dan, il-baġit li ġie allokat fil-bidu għat-titjib tal-IT din is-sena jista' jsir disponibbli.

## **II. ŻIEDA**

### **II.1**

#### **a) Intestatura**

**02 04 06 11 - Semikondutturi — Impriża Konġunta taċ-Ċipep**

#### **b) Ċifri fl-11/10/2023**

|                                                                                                                                                           | <b>Impenji</b>        |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------|
| 1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)                                                                                                    | 251 877 865,00        |
| 2 Trasferimenti                                                                                                                                           | 0,00                  |
| 3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)                                                                                                          | 251 877 865,00        |
| 4 Approprijazzjonijiet diġà użati                                                                                                                         | 0,00                  |
| <b>5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>                                                                                                           | <b>251 877 865,00</b> |
| <b>6 Żieda mitluba</b>                                                                                                                                    | <b>13 900 000,00</b>  |
| <b>7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)</b>                                                                                            | <b>265 777 865,00</b> |
| 8 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)                                                                                         | 5,52 %                |
| 9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli      |

#### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

|                                                      | <b>Impenji</b>   |
|------------------------------------------------------|------------------|
| 1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 0,00             |
| 2 Approprijazzjonijiet disponibbli fl-11/10/2023     | 0,00             |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]                | mhux applikabbli |

#### **d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda**

Il-qbil politiku dwar l-Att dwar iċ-Ċipep intlaħaq f'April ta' din is-sena u l-att leġiżlattiv ġie adottat u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-13 ta' Settembru. Fil-Ftehim politiku, il-koleġiżlaturi stiednu lill-Kummissjoni tipproponi lill-awtorità baġitarja l-allokazzjoni ta' ammont addizzjonali ta' EUR 50 miljun fil-perjodu 2023–27, bil-ħsieb li jintlaħaq l-ammont immirat ta' EUR 1 575 miljun li għandu jġi ffinanzjat taħt il-programm Ewropa Diġitali. It-trasferiment propost se jippermetti l-kopertura tal-ewwel porzjon tiegħu, li maħsub li jffinanzja l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.